MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Talba Numru. 675/2014

**Francis Formosa**
**(ID No.694852-M)**

**vs**

**Peter Camilleri (ID No.42856-M), Peter Paul Camilleri (ID No.515289-M), Jesrit Angel Camilleri (ID No.515389-M), Carren Camilleri (ID No.335280-M) u Joseph Medina (ID No.53265-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmenin ewro (€2,480), rapprezentanti ta’ *extra duty* li l-attur tielef skont il-prospett hawn anness u mmarkat Dok.‘I’, u dan dejjem wara li l-istess intimati hebbew u wegghu gravament lill-attur;

Interpellati jhallsu l-intimati baqghu ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata tmienja u ghoxrin-(28) t' Awwissu, elfejn u tlettax-(2013), u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti Peter Camilleri, Peter Paul Camilleri u Jesrit Angel Camilleri, li permezz taghha eccepew (1) illi, fl-ewwel lok dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza *ratione materie* in kwantu l-bazi tat-talba attrici hija bbazata fuq li l-attur allegatament weggha u ghalhekk tezorbita dan it-Tribunal li jisma' dan il-kaz; (2) Illi fit-tieni lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda ammont dovut; (3) Illi fit-tielet lok it-talba attrici ghandhom jigu respinti stante ghal fatt li l-intimati m'ghandhomx l-ebda responsabilita' li huma kkagunaw debbolezza fuq il-persuna ta' Francis Formosa; (4) salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta ta' Joseph Medina, li permezz taghha eccepixxa (1) illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal m'ghandhux kompetenza *ratione materiae* in kwantu l-bazi tat-talba attrici hija bbazata fuq li l-attur allegatament weggha u ghalhekk tezorbita dan it-Tribunal li jisma' dan il-kaz; (2) Illi fit-tieni lok, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda ammont dovut; (3) Illi fit-tielet lok it-talba attrici ghandhom jigu respinti stante ghal fatt li l-intimati m'ghandhomx l-ebda responsabilita' li huma kkagunaw debbolezza fuq il-persuna ta' Francis Formosa; (4) salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta ta' Carren Camilleri, li permezz taghha eccepixxa (1) illi fl-ewwel lok l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (2) illi fit-tieni lok l-ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba attrici fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda tal-attur, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' referenza.

Semgha t-Trattazzjoni.

Illi din is-Sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata minn uhud mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi hu kien qieghed xoghol, u dan bhala Ufficjal tal-Pulizija f'sala ta' ricevimenti f'Marsascala, fejn kien qed isir tieg. Iddikjara illi kien hemm Ufficjal tal-Pulizija iehor mieghu. Illi waqt li kien ghaddej dan it-tieg, inqala' xi incident u l-attur u l-Ufficjal tal-Pulizija l-iehor sfaw aggrediti. Illi konsegwenza ta' dan, l-istess attur wegga' jdejh, u gie kostrett li jghamel perjodu ta' tliet-(3) xhur nieqes mix-xoghol. Illi ghal dan il-perjodu, hu rcieva hlas tas-*sick leave* mill-post tax-xoghol tieghu, izda tilef il-hlas li kien ikun intitolat ghalih kemm-il darba seta' jahdem *extra duty*, liema xoghol ma setax jaghmlu minhabba l-akkadut. Illi permezz ta' din l-azzjoni qed jitlob hlas, bhala kumpens, minghand il-konvenuti ghat-telf ta' qliegh li kien ikollu minn dan l-*extra duty*. Illi f'dan ir-rigward, l-attur hejja prospett (a fol.2 tal-atti), u ddikjara li l-ammont pretiz f'din il-kawza huwa ai termini tal-istess prospett. Illi in rigward dan l-incident, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenuti, liema proceduri kien hemm ezitu fihom, u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, datata 29 ta' Jannar, 2015, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.28 tal-atti.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenuti jikkontendu illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza stante illi l-azzjoni proposta mill-attur ma tittrattax biss dwar hlas ta' somma ta' flus, izda tirrikjedi illi dan it-Tribunal jistabilixxi jekk hux minnu illi l-attur wegga' fl-incident in kwistjoni. Illi oltre dan, permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, huma jikkontendu illi l-ammont reklamat mill-attur mhux likwidat – u dan ghaliex mhux necessarjament kien intitolat ghal tali hlas, gialadarba tali *extra duty* ma giex ikkonfermat fid-dettal – u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex *di sento* jiddetermina u jistabilixxi tali somma. Illi l-attur, da parti tieghu, isostni illi ladarba din l-azzjoni tittratta dwar "*danni inkorsi f'telf ta' xoghol*", allura din l-azzjoni tikkwalifika bhala *money claim* fl-ammont indikat fl-istess talba.

Illi l-provediment tal-ligi li jirregola l-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa l-Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif gej:

> " *(1) Ghandu jkun hemm Tribunal maghruf bhala t-Tribunal ghal Talbiet Zghar.*
> *(2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c): ...*".

Illi minn qari tat-talba tal-atturi rizultanti mill-Avviz tat-Talba jirrizulta illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija dwar telf ta' introjtu minn *extra duty* li l-istess attur ma setax jaghmel minhabba illi kien involut fl-incident in kwistjoni, li fih gie aggredit mill-konvenuti. Illi l-attur qed jallega telf ta' introjtu; ghalkemm isostni illi tali telf ta' introjtu kien konsegwenza tal-incident li fih gie aggredit, hu mhux qed jitlob konferma jew dikjarazzjoni minghand dan it-Tribunal illi tali incident verament sehh, jew li kienu l-konvenuti li jahtu ghal tali incident. Tali fatti gew mistharga u determinati minn Qorti ohra, u nghatat decizjoni in rigward, u ghalkemm tali proceduri huma separati u distinti minn dawn prezenti, madanakollu, tali sentenza ghandha l-valur probatorju taghha, u ghalkemm dan it-Tribunal mhux marbut b'din id-decizjoni u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom dik il-Qorti, madanakollu, certi fatti li gew stabbiliti in forza ta' dawk il-proceduri, dan it-Tribunal necessarjament ghandu jqishom u jaghtihom il-piz u kunsiderazzjoni li jisthoqilhom. Illi dwar l-allegazzjoni illi l-attur tilef ix-xoghol konsegwenza tal-akkadut, dan ghad irid jigi pprovat u determinat kemm-il darba din l-eccezzjoni tigi michuda, u jitressqu l-provi in rigward u fil-mertu.

Illi ghalhekk, permezz ta' din l-azzjoni, dan it-Tribunal qed jigi mitlub sabiex jiddikjara jekk l-attur hux intitolat ghall-hlas ta' kumpens ghal *extra duty* li tilef tul it-tliet (3) xhur li kien bis-*sick leave* konsegwenza ta' dan l-incident. Illi fid-determinazzjoni tieghu, it-Tribunal ser jistabilixxi jekk l-attur huwiex intitolat ghal hlas ta' somma flus, *in linea* ta' kumpens, u xejn aktar, ghaliex li l-attur kien involut fl-incident in kwistjoni, u li wegga' konsegwenza tal-fatt li gie aggredit mill-konvenuti, 'gia gie stabbilit minn Qorti ohra, u mhux ser jispetta lil dan it-Tribunal li jistharreg dan l-aspett. Illi *se mai*, ser ikun jispetta lit-Tribunal li jistabilixxi jekk l-ammont rikjest mill-attur - u rizultanti mill-prospett imhejji minnu - huwiex dovut; u dan in kwantu jekk l-attur hux intitolat ghal tali kumpens u jekk hux dovut l-ammont kollu, xi parti minnu, jew ebda ammont, u dan fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz. Illi tali kunsiderazzjonijiet

jistghu jsiru minn dan it-Tribunal, gialadarba huwa rikjest minnu illi jistabilixxi biss jekk l-ammont indikat mill-attur huwiex dovut, *o meno*.

Illi dwar il-kontestazzjoni tal-konvenuti illi l-ammont mhux likwidu, u li ma hux fil-kompetenza tat-Tribunal li jistabilixxi jekk l-ammont, jew xi parti minnu, huwiex dovut, issir referenza mill-gdid ghall-provvediment tal-Ligi hawn fuq citat, oltre l-gurisprudenza kopjuza in materja, minn fejn jirrizulta illi gialadarba t-talba tal-attur hija limitatament in rigward il-hlas ta' somma flus li giet identifikata mill-attur – u liema ammont jinkawdra ruhu fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal – allura tali sottomissjoni hija legalment insostenibbli. Illi huwa oramai pacifiku illi dan it-Tribunal ghandu l-kompetenza li jiddetermina jekk ammont rikjest minn attur li jkun ippropona kawza quddiemu huwiex dovut, u jekk hux dovut fl-intier tieghu, skont il-kaz. Tali stharrig isir minn dan it-Tribunal in bazi tal-provi li jigu mressqa mill-partijiet, u wkoll in bazi ta' ekwita'.

Illi *ai fine dei conti*, kwalunkwe azzjoni li tigi proposta quddiem dan it-Tribunal ghall-hlas ta' somma flus ghandha bhala bazi taghha kunsiderazzjoni legali u / jew fattwali li tehtieg li tigi determinata qabel ma t-Tribunal ikun jista' jasal ghal decizjoni dwar jekk l-ammont mitlub ikunx dovut. Illi gialadarba l-bazi tal-azzjoni ma hiex wahda mill-kunsiderazzjonijiet specifikament indikati fl-Artikolu 3 (5) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta – li jwassal sabiex dik l-azzjoni tigi eskluza mill-kompetenza tat-Tribunal – allura jsegwi illi t-Tribunal ghandu jiddecidi dwar il-mertu ta' dik l-azzjoni.

Illi fic-cirkostanzi, u gialadarba t-talba tal-atturi tittratta specifikament dwar hlas ta' somma flus li tirraprezenta telf ta' introjtu, liema ammont jinkwadra ruhu fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, allura l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jisma' u jaqta' din il-kawza, stante illi l-azzjoni saret in segwitu ghal incident li fih l-attur wegga', m'hix gustifikata, u ghalhekk qed tigi respinta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jichad l-eccezjoni sollevata mill-konvenuti Peter Camilleri, Peter Paul Camilleri, Jesrit Angel Camilleri u Joseph Medina dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* sabiex jisma' u jaqta' din il-kawza, qed jordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez ta’ din is-Sentenza jkunu a karigu tal-istess konvenuti.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------